



2025/1996

30.9.2025

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/1996

tad-29 ta' Settembru 2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2025/202 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026  
għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbi fl-ilmiijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni,  
f'ċerti ilmiijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202<sup>(1)</sup> jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbi fl-ilmiijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmiijiet mhux tal-Unjoni. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti miżuri funzjonalment marbuta magħhom, jenħtieġ li jiġu emendati biex titqies il-publikazzjoni tal-parir xjentifiku, kif ukoll l-eżi tal-laqgħat tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa qabda totali permissibbli (TAC, total allowable catch) proviżorja għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fil-parti tal-Punent tas-subżona 9 u fis-subżona 10 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES, International Council for the Exploration of the Sea) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Settembru 2025 fil-livell ta' 7 182 tunnellata, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-inċova fil-parti tal-Punent tad-diviżjoni 9a tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026. Wara l-publikazzjoni ta' dak il-parir fl-20 ta' Ġunju 2025, jenħtieġ li t-TAC definitiva għall-inċova fil-parti tal-Punent tas-subżona 9 u fis-subżona 10 tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 tīgħi stabbilita fil-livell skont il-parir tal-ICES.
- (3) Fil-31 ta' Ottubru 2024, l-ICES ippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES għall-2025. F'dak il-parir, l-ICES kien ta parir li l-qabdet ta' dak l-istokk f'dak il-perjodu ma għandhomx ikunu aktar minn 3 502 tunnellati. Fis-6 ta' Mejju 2025, l-ICES ippubblika parir xjentifiku rivedut għall-iskampu fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES għall-2025. F'dak il-parir rivedut, li jissostitwixxi l-parir tal-31 ta' Ottubru 2024, l-ICES naqqas il-parir tiegħu dwar il-qbid għal dak l-istokk u għal dak il-perjodu għal 2 601 tunnellata. Ir-Regolament (UE) 2025/202 jistabbilixxi t-TAC għall-iskampu fid-diviżjonijiet 8a, 8b, 8d u 8e tal-ICES għall-2025 fil-livell ta' 3 502 tunnellati abbażi tal-parir tal-ICES tal-31 ta' Ottubru 2024. Għalhekk, fkonformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup>, moqri flimkien mal-Artikolu 3(5) ta' dak ir-Regolament, il-livell tat-TAC għall-iskampu fid-diviżjonijiet 8a, 8b, 8d u 8e tal-ICES stabbilit għall-2025 jenħtieġ li jiġi emendat abbażi tal-parir rivedut mill-ICES.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbi fl-ilmiijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmiijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 (ĠU L 2025/202, 31.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/202/oj>).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-ilmiijiet tal-Punent u fl-ilmiijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/472/oj>).

- (4) Fit-3 ta' Mejju 2025, daħal fis-seħħ ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/837<sup>(3)</sup>. Ir-Regolament Delegat (UE) 2025/837 emenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(4)</sup> fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn (*Thunnus thynnus*) fparti miż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), fl-Ocean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u fil-Mediterran. B'mod partikolari, huwa emenda l-Anness I, il-punti 1 u 2, tar-Regolament (UE) 2023/2053 billi dħħal derogi għall-Golf tal-Iljuni. Għalhekk fir-Regolament (UE) 2025/202, jenħtieġ li dan li ġej jiġi emendat biex jitqiesu dawk id-derogi: (i) l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd Franċiżi artiġjanali kostali li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm fil-Mediterran; u (ii) l-allokazzjoni tal-kwota Franciżiha għat-tonn fl-Ocean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u fil-Mediterran, għal tali bastimenti.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2025/202 jiġi emendat skont dan.
- (6) Sabiex jinżammu l-perjodi ta' rapportar għat-TACs emendati b'dan ir-Regolament, li japplikaw mill-1 ta' Jannar jew mill-1 ta' Lulju 2025, jenħtieġ li t-TACs emendati japplikaw b'mod retroattiv minn dawk id-dati. It-tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għaliex il-kwoti skont dawk it-TACs għadhom ma ġewx eżawriti.
- (7) Minħabba l-urġenza biex jiġu evitati interruzzjonijiet fl-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

##### **Emenda tar-Regolament (UE) 2025/202**

L-Anness IA, il-Parti A, u l-Annessi ID u VI tar-Regolament (UE) 2025/202 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

##### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BØDSKOV

---

(<sup>3</sup>) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/837 tas-7 ta' Frar 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (ĠU L, 2025/837, 2.5.2025, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2025/837/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/837/oj)).

(<sup>4</sup>) Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2053/oj>).

## ANNESS

Emendi għall-Annessi tar-Regolament (UE) 2025/202

(1) L-Anness IA huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, it-Tabella 2(1) hija sostitwita b'dan li ġej:

**“Tabella 2(1)**

Speċi:	Inċova <i>Engraulis encrasicolus</i>	Żona:	9W (¹) u 10 (ANE/9WX10)
Spanja	2 287 (²)	TAC Analitika	
Il-Portugall	20 584 (²)		
L-Unjoni	22 871 (³)		
TAC	22 871 (³)		

(¹) Parti mis-subżona 9 fil-Punent tal-linjal li tgħaqqa il-punti li ġejjin:

Punt	Latitudni	Lonġitudni
1	36°00'00"N	11°00'00"W
2	37°01'20"N	8°59'47"W

(²) Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026.”

(b) Fil-Parti A, it-Tabella 9 hija sostitwita b'dan li ġej:

**“Tabella 9**

Speċi:	Skampu <i>Nephrops norvegicus</i>	Żona:	8a, 8b, 8d u 8e (NEP/8ABDE.)
Spanja	133	TAC Analitika”	
Franza	2 082		
L-Unjoni	2 215		
TAC	2 601		

(2) Fl-Anness ID, it-Tabella 12 hija sostitwita b'dan li ġej:

**“Tabella 12**

Speċi:	Tonn <i>Thunnus thynnus</i>	Żona:	L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran (BFT/AE45WM)
Ċipru	195,17 (⁴)	TAC Analitika	
Il-Greċċja	350,95		L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Spanja	7 161,64 (²) (⁴)		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Franza	7 132,06 (²) (³) (⁴)		
Il-Kroazja	1 127,25 (⁶)		
L-Italja	5 628,97 (⁴) (⁵)		
Malta	450,68 (⁴)		
Il-Portugall	650,83		

Speċi:	Tonn <i>Thunnus thynnus</i>	Żona:	L-Ocean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran (BFT/AE45WM)
--------	--------------------------------	-------	--

Stati Membri  
oħra 80,60 (¹)

L-Unjoni 22 778,15 (²) (³) (⁴) (⁵) (⁶) (⁷)

TAC 40 570,00

(¹) Minbarra Ċipru, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Malta u l-Portugall, u bħala qabda aċċessorja biss. Il-qabdet li għandhom jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġi rrapportati separatament (BFT/AE45WM\_AMS).

(²) Kondizzjoni speċjal: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom jaapplikaw dawn il-limiti tal-qbid u din l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri għal qabdet tat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm mill-bastimenti msemmija fil-punt 1 tal-Anness VI (BFT/\*8301):

Spanja	1 088,70
Franza	505,77
L-Unjoni	1 594,47

(³) Kondizzjoni speċjal: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom jaapplikaw il-limiti ta' qbid li ġejjin u l-allokazzjoni li ġejja fost l-Istati Membri għall-qabdet tat-tonn li jkun jaġiġ 6,4 kg jew li jkun twil tal-inqas 70 cm li jsiru mill-bastimenti msemmijin fil-punt 1 tal-Anness VI (BFT/\*641):

Franza	100,00
L-Unjoni	100,00

(⁴) Kondizzjoni speċjal: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom jaapplikaw il-limiti ta' qbid li ġejjin u l-allokazzjonijiet li ġejjin fost l-Istati Membri għall-qabdet tat-tonna ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm li jsiru mill-bastimenti msemmijin fil-punt 2 tal-Anness VI (BFT/\*8302):

Spanja	143,23
Franza	285,28 (*)
L-Italja	112,58
Ċipru	3,90
Malta	9,01
L-Unjoni	554,00

(\*) Li minnhom 50 % jistgħu jiġi mistada biss fil-Golf tal-Iljuni.

(⁵) Kondizzjoni speċjal: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom jaapplikaw il-limiti ta' qbid li ġejjin u l-allokazzjonijiet li ġejjin fost l-Istati Membri għall-qabdet tat-tonna ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm li jsiru mill-bastimenti msemmijin fil-punt 3 tal-Anness VI (BFT/\*643):

L-Italja	112,58
L-Unjoni	112,58

(⁶) Kondizzjoni speċjal: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom jaapplikaw dawn il-limiti tal-qbid u dawn l-allokazzjonijiet bejn l-Istati Membri għal qabdet tat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm mill-bastimenti msemmija fil-punt 3 tal-Anness VI għall-finijiet ta' trobbija tal-ħut (BFT/\*8303F):

Il-Kroazja	1 014,53
L-Unjoni	1 014,53

(⁷) Wara t-trasferiment ta' 200 tunnellata mill-Iżlanda lejn L-Unjoni."

(3) Fl-Anness VI, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni artiġjanali kostali li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm fil-Mediterran

Spanja	364
Franza	149 (¹) (²)
L-Italja	30
Ċipru	20 (¹)
Malta	54 (¹)
L-Unjoni	693

(¹) Dan l-għadd jista' jiżdied jekk bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jiġi sostitwit b'massimu ta' 10 bastimenti tas-sajd bil-konz f'konformità mat-tabella fil-punt 4 ta' dan l-Anness.

(²) Li minnhom tal-anqas 9 bastimenti għandhom ikunu bastimenti li jistadu fil-Golf tal-Iljuni."